MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 343/1991/1

**Henry, Emanuel, George, Michael, Licia mart Mario Calleja, Phyllis mart Lino Enriquez, Maria, Beatrice w Caterina ahwa Peresso u b'nota tal-14 ta' Settembru 1998 Michele u Emma Peresso assumew l-atti minflok Emanuel Peresso a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-29 ta' Marzu 1996**

**Vs**

**Rosario Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-fond 13, St. Francis Street, M'Xlokk proprjeta' tal-atturi stante li qed jokkupah minghajr titolu, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenut prefiss.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Frar 1990. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix il-Lm250.

Rat in-nota tal-eccezzojnijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

a. In linea preliminari l-azzjoni attrici hi irrita u nulla ai termini tal-Artikolu 907 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
b. Fit-tieni lok l-eccipjenti jirravvisa illi jekk hemm ragunijiet fost dawk imsemmija fil-Kap. 12 allura dina l-Qorti opportunement u fl-interess tal-gustizzja ghandha tastjeni milli tieghu konjizzjoni ta' din il-kawza;
c. Kwantu ghall-kwistjoni di quo u bla pregudizzju ghall-premess il-fond de quo agitur huwa rekwisizzjonat (Requisition Order 20250) u gie assenjat lilll-eccipjenti mid-Dipartimenti tad-Djar. Il-kwistjoni ghalhekk, stante li hi regolata bil-Housing Act No. II/1949, Il-pussess u d-disponibilita tal-fond ma baqghux aktar f'idejn l-atturi izda f'idejn il-korp rekwisizzjonanti. In vista' li l-atturi ma baqghux persuni kapaci li joqghodu in gudizzju dwar dan il-fond, it-talba attrici ghandha tigi respinta u l-eccipjenti liberat mill-osservanza;
d. Sussidjarjament l-eccipjenti ghandu titolu validu ta' kirja fuq il-fond 'de quo'.

Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 1991 u tat-12 ta' Marzu 1992 minn fejn jirrizulta illi l-konvenut 'irtira' t-tieni eccezzjoni sottomessa minnu.

Rat is-sentenza preliminari (fol 45 tal-atti) moghtija mill-Qorti, kif diversament presjeduta, u li biha giet respinta l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut.

Rat id-digriet moghti fit-28 ta' Settembru 1995 mill-Qorti kif diversament presjeduta (fol 87 ibid) u li bih din il-Qorti

ordnat l-legitimazzjoni tal-atti billi jigu inkluzi Michele Peresso u Emanuel Peresso.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 1996 (fol 108) tal-atti) u li biha l-ahhar digriet imsemmi gie revokat u l-atti gew rimessi lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza fil-meritu.

Rat dak verbalizzat a fol 109 tal-atti kif ukoll in-nota tal-imsemmija Michele u Emma Peresso li biha assumew l-atti tal-kawza flimkien ma' Emauel Peresso (fol 121 u fol 122 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawza, l-konvenut ma pproduca ebda prova fuq il-mertu tal-avviz in esami u ghalhekk il-kaz ser jigi deciz, biss, a basi tal-provi mressqa mill-atturi li kienu principalment kif ser jinghad:-

a) Wiehed mill-atturi, Michael Peresso (fol 134 u fol 135 tal-atti) waqt li kkonferma li hu u t-tfal tieghu huma il-proprjetarji tal-post in kwistjoni (ara l-att publiku esebit in atti a fol 60 u publikat fis-7 ta' Lulju 1992) spjega, li l-istess tfal tieghu kienu ikkoncedew, b'titolu ta' enfitewsi ghal sbatax-il (17) sena' l-istess post lil certu Anton Incorvaja permezz ta' att publikat min Nutar Antonio Carbonaro fis-sittax (16) ta' Gunju 1972 (ara fol 116 et seq tal-atti). Skond l-istess attur, ic-cenwalist imsemmi kien dejjem hallas ic-cens dovut (dwar dan, pero' ara s-sentenza esebita in atti a fol 112 et seq ibid). Dan ic-cens temporaneu kien skada fl-1989, f'liema post, pero' , kien hemm jokkupah Rosario Caruana, l-konvenut, li, skond l-attur, kien okkupa l-post in kwistjoni "… billi sgassa …" u li qatt ma hallas 'xejn sallum'. Meta dan gie mitlub sabiex jaghti lis-sidien ic-cwievet tal-post okkupat minnu, l-istess konvenut kien asserixxa li "… kien krieh minghand Incorvaja'. Ix-xhud kompla biex jghid illi '… il-Gvern kien hareg 'requisition order' li, pero', '… ma naf xejn fuqha'.

Dwar dan il-punt l-istess xhud wara' li kien pjuttost incert anzi evasiv, fir-risposti li ta.

b) L-imsemmi Anthony Incorvaja (fol 43 et seq ibid) sema' illi kien minnu li kien akkwista l-post in kwistjoni permezz ta 'titolu ta' cens temporaneu, kif di gja gie premess, pero hu zied jghid li '… fil-fatt … qatt ma dhalt fih' peress li, ' … wara xi jumejn/tlieta kienu gew il-Pulizija u riedu c-cavetta tal-post' li kienet fil-pussess tieghu. Meta ma kien ikkonsenja lill-Pulizija c-cwievet dawn kienu sgassaw il-bieb in kwistjoni u fil-post kien iddahhal 'xi hadd Caruana' . Dwar dan, ix-xhud kemm il-darba asserixxa fix-xhieda tieghu illi l-konvenut ma kien hallas l-ebda kera lilu waqt li hu kien jhallas ic-cens lill-atturi.

c) Joseph Zammit in rappresentanza tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali (fol 150 u fol 161 et seq ibid) ikkonferma illi l-post in kwistjoni kien gie rekwizzjonat perezz ta' ordni ta' rekwisizzjoni numru 20250, li filfatt jidher li kienet it-tieni ordni bhal din li nharget fuq l-istess post. Bhala konsegwenza ta' dan kienet saret 'eviction' skond il-ligi 'in materia'. Fil-frattemp, ix-xhud ikkonferma li l-istess post kien inghata b'titolu ta' cens temporaneu lil Anthony ossija Anton Incorvaja. Wara li saret tali 'eviction', il-post in kwistjoni kien gie allokat lil Rosario Caruana u dan fid-19 ta' Awissu 1972. Hawnhekk ix-xhud spjega illi Rosario Caruana kien hallas kera lic-censwalist Anthony Incorvaja kontrarjament ghal dak li dan xehed. Difatti hu esebixxa dikjarazzjoni li ggib id-data tat-22 ta' Frar 1990 minn fejn jirrisulta illi l-istess censwalist, residenti f'post iehor, kien iddikjara illi fis-7 ta' April 1988 (jew 1985), wara l-imsemmija kawza kontrih maghmula mill-istess sidien kien ircieva minghand il-konvenut, is-somma ta' Lm81.50 bhala hlas ta' kera dovut minn 1972 sa April 1985 u bqajt nircievi Lm6.50 fis-sena' minn Mejju 1985 sa Awissu 1989' minghand l-istess konvenut '… bhala kera ghall-istess post li huwa jabita (ara fol 159 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta' dak premess, ghandu jinghad illi:-

a) Hu minnu illi l-post in kwistjoni hu soggett ghal ordni ta' rekwizizzjoni u illi l-istess post kien gie u ghadu assenjat lill-konvenut skond il-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tpogga a disposizzjoni tal-Awtorita rekwizizzjonanti li ghandha tiddetjeni l-pusess tal-istess post a skapitu tal-proprjetarji tal-istess post.
b) F'dan il-kaz, wara li l-istess post kien gie assenjat lill-konvenut, ma jidhirx illi kienet saret il-procedura skond kif stipulata fl-artikolu 8 tal-istess ligi u dan sabiex il-konvenut seta' jigi rikonoxxut mis-sidien bhala l-inkwilin tal-istess post u ghalhekk minn dan il-lat, il-konvenut ma jistax jivvanta titolu ta' kera a basi ta' din il-ligi. In rigward dan ghandu jinghad illi l-fatt biss, li post jigi assenjat lil certa persuna a basi u bhala konsegwenza ta' ordni ta' rekwisizzazjoni ma jammontax, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal xi forma ta' titolu kreat bejn is-sid jew sidien u l-persuna li qed tokkupa l-istess post.
c) Pero ghandu jigi notat illi s-sidien kienu assenjaw, b'titolu ta' enfitewsi temporanea, l-istess post lill-Anthony Incorvaja u waqt li l-istess cens kien ghadu 'in vigore', il-konvenut kien hallas kera lill-istess censwalist kif jidher mid-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija esebita minn Joseph Zammit u kontrarjament ghal dak li xehed l-istess censwalist u li tinsab a fol 159 tal-atti. Dwar dan il-kuntratt ta' cens ma hiex il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tara jekk dan hux validu jew annullabbli u ghalhekk wiehed jrid jara x'konsegwenza legali jista' jkun hemm minhabba tali hlas. Dwar dan l-imsemmi enfitewta kellu bhala tali d-dritt illi jikri l-istess post lill-terzi persuni. Ghalhekk hu seta' jircievi hlas ta' kera minghand il-konvenut. Minhabba hekk, il-Qorti tara illi minhabba dan il-hlas ta' kera, gie kreat titolu ta' lokazzjoni bejn il-konvenut u l-istess censwalist kif ukoll bejn il-konvenut u s-sidien. Ghalhekk ma jistax jinghad f'dan il-kaz illi l-konvenut qed jokkupa dan il-post minghajr titolu stante li seta gie kreat, minhabba dak li inghad, titolu ta' kera operanti bejn il-partijiet f'din il-kawza (ara f'dan ir-rigward l-Artikolu 1530 tal-Kodici Civili kif ukoll il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl ta' dak premess, ma tistax tigi akkolta din it-talba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba attrici waqt li tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha minhabba c-cirkostanzi kif hemm fuq esposti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------